MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2005

Avviz Numru. 57/2000/1

John Muscat

vs

Peter Paul Vella

Il-Qorti,

Rat l-avviz ta' l-attur fejn talab il-kundanna tal-konvenut sabiex ihalsu d-danni hekk kif likwidati u minnu sofferti kawza ta' incident awtomobilistiku li sehh fil-hdax (11) ta' April tas-sena elfejn (2000) fi Triq Wied Bingemma, Nadur, Ghawdex, bejn il-vettura tat-tip Nissan Bluebird u bin-numru tar-registrazzjoni FBD 917 misjuqa u appartenenti lill-konvenut u l-vettura tat-tip Isuzu Gemini u bin-numru ta' registrazzjoni IBA 537 misjuqa minn Jonathon Muscat u appartenenti lill-attur, ta' liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba

imperizja, sewqan eccessiv, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata f'Gunju tas-sena elfejn (2000) kif ukoll ta' l-ittra ufficjali mibghuta lill-kumpanija ta' l-assikurazzjoni pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Il-konvenut imharrek ghas subizzjoni u ghall-fini ta' kompetenza gie ddikjarat illi d-danni sofferti ma jeccedux is-sitt mitt lira Maltin (Lm600).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. preliminarjament, in-nullita' ta' l-avviz peress illi ma fihx talba sabiex il-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-incident awtomobilistiku imsemmi fl-avviz;

2. li huwa bl-ebda mod u manjera ma huwa responsabbli ghall-incident awtomobilistiku imsemmi fl-avviz, liema incident stradali gara unikament minhabba traskuragni grassa, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tas-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBA 537 u cioe' ta' Jonathan Muscat, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smigh tal-istess avviz.

3. salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat is-sentenza taghha tal-lum stess fl-ismijiet inversi (avviz numru 61/00) li trattat l-istess meritu;

Semghet ix-xhieda b'referenza ghall-avviz l-iehor fuq citat li fih ingabru l-maggoranza tal-provi;

Rat l-verbal tal-partijiet registrat quddiem din il-Qorti diversament preseduta fejn talbu li z-zewg kawzi ghandhom jimxu kontestwalment.

Rat li dan l-avviz gie rimess lil din il-Qorti li trattat iz-zewg avvizi kontestwalment.

Ikkunsidrat:

Illi kif premess l-incident awtomobilistiku riferenti dan l-avviz huwa dak li ghalih jirreferi l-avviz numru 61/00 fl-ismijiet inversi.

Illi a skans ta’ ripetizzjoni nutili l-Qorti qeghdha tirreferi ghas-sentenza taghha fl-atti ta’ dak l-avviz u taddottha ghal dan l-avviz.

Taqta’ u tiddeciedi ghalhekk  billi tichad it-talbiet ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------